MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 12/2005/1

**Godfrey Ellul**
***versus***
**Avukat Ġenerali**

Dan huwa appell minn sentenza mogħtija fil-5 ta’ Lulju 2005 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħdet talba ta’ l-appellant biex tgħid illi l-art. 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101] jikser il-jeddijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-artt. 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“ il-Konvenzjoni” ].

Ir-rikorrent fisser illi huwa kien mixli quddiem il-Qorti Kriminali bi traffikar ta’ droga. Kien ukoll tressaq quddiem dik il-qorti fi proċeduri oħra, u kundannat. Ressaq appell, li kien għadu ma nqatax meta sar ir-rikors.

L-appellant fisser illi l-art. 22 tal-Kap. 101 jagħti lill-Avukat Ġenerali l-għażla jekk, fuq l-istess fatti u għall-istess reat, iressqx lil min ikun mixli bi ksur ta' dik il-liġi quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Meta l-Avukat Ġenerali għażel li jressaq lill-appellant quddiem il-Qorti Kriminali kien qiegħed jesponih għall-piena ta' ħabs għal għomru, waqt li kieku għażel li jressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fuq l-istess fatti u bl-istess akkuża l-ogħla piena li jista' jingħata tkun ta' għaxar snin ħabs. Dan, igħid l-appellant, "ma jagħtix iċ-ċertezza tal-liġi penali, għaliex kollox jiddependi fuq il-ġudizzju (jew preġudizzj) ta' l-Avukat Ġenerali" bla ma l-liġi tagħti kriterji għala l-Avukat Ġenerali għandu jagħmel għażla u mhux oħra.

Kompla jgħid illi s-sitwazzjoni saret aktar gravi meta l-piena (meta l-proċeduri jitmexxew quddiem il-Qorti Kriminali) saret ta' ħabs għal għomor, għax b'hekk "inbidlet il-konfigurazzjoni tar-reat"; dan jibdel mhux biss il-kwantità iżda wkoll il-kwalità tal-piena, għax min ikun kundannat għal għomru l-ħabs ma jistax jieħu benefiċċju minn kondotta tajba u remissjoni mogħtija mill-President ta' Malta ma tgħoddx għalih.

Dan, igħid ir-rikorrent, iġib ksur ta' l-artt. 7(1) u 6 tal-Konvenzjoni.

Kompla jgħid illi hemm ksur ta' drittijiet mhux biss fil-forma potenzjali imma wkoll effettivament fil-każ li, meta sar ir-rikors, kien għadu qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Skond l-akkuża kien hemm mill-inqas żewġ persuni li kellhom x'jaqsmu: ċertu Philip Magri u l-appellant. Fil-waqt illi Magri ngħata piena ħafifa ħafna, għax tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-appellant kien kundannat (għalkemm igħid illi ma hux ħati) għal piena li tiġi daqs għaxar darbiet dik li ngħata l-ieħor li kien mixli bl-istes reat.

Dan, igħid l-appellant, huwa trattament diskriminatorju bi ksur ta' l-art. 14 tal-Konvenzjoni.

Għalhekk talab illi l-qorti (i) tgħid illi l-art. 22 tal-Kap. 101, fejn hemm żewġ pieni għall-istess fatt kriminuż, u kollox jiddependi mid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali, jikser l-artt. 7(1), 6 u 14 tal-Kap. 101, u għalhekk ma jiswiex fil-liġi; (ii) tagħtih rimedju effettiv, kif għandha s-setgħa li

tagħmel; u (iii) tikkundanna lill-intimat iħallsu somma li tiġi stabbilita għall-vjolazzjoni li ġà ġarrab.

B'sentenza mogħtija fil-5 ta' Lulju 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet ta' l-appellant għax ma sabet li kien hemm ksur ta' ebda wieħed mill-artikoli li fuqhom straħ l-appellant.

Sabet li ma kienx hemm ksur ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni għal dawn ir-raġunijiet:

Fil-kuntest ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan l-artikolu jipprovdi li kull min jinsab akkużat b'xi reat għandu, fost affarijiet oħra, dritt li l-każ tiegħu jinstema' minn tribunal indipendenti u imparzjali. Dan id-dritt jimplika li l-akkużat jingħata avviż raġonevoli ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu biex ikun jista' jipprepara kif jixraq id-difiża tiegħu, u li l-każ tiegħu jiġi mistħarreġ u deċiż minn tribunal stabbilit bil-liġi, b'ġudikant indipendenti u imparzjali. F'dan il-każ, ma jistax jiġi indikat li l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101, b'xi mod, jinċidi fuq dan id-dritt ta' l-akkużat. Ir-rikorrent akkużat ġie mressaq quddiem qorti stabbilita bil-liġi, u ma jirriżultax li hu ma ngħatax *a fair hearing* jew li l-każ tiegħu kien ġudikat minn ġudikant li mhux indipendenti u imparzjali. L-artikolu in kwistjoni ma jolqotx dan id-dritt ta' l-akkużat u hu x'inhu r-reat li l-akkużat jiġi akkużat bih, huwa xorta waħda għandu jingħata smigħ xieraq, u r-regoli tal-ġustizzja naturali kienu u jibqgħu applikabbli inatteż il-provedimenti ta' l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101. Huwa veru li l-qorti adita trid toqgħod fuq l-att ta' l-akkuża u l-piena kontemplata fil-liġi u relatata ma' dak l-att ta' l-akkuża, *però*, dan ma jfissirx li l-akkużat m'għandux jingħata u, f'dan il-każ, ma ngħatax smigħ xieraq.

Sabet illi ma kienx hemm ksur ta' l-art. 7 (1) tal-Konvenzjoni għal dawn ir-raġunijiet:

Fil-kuntest ta' l-ilment bażat fuq [l-ewwel parti ta'] l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni, il-qorti taqbel ma' l-intimat illi dan l-artikolu mhux applikabbli għall-każ odjern *stante* li l-att li bih ġie misjub ħati r-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali kien ċertament jikkostitwixxi reat kriminali fil-liġi Maltija fil-mument li l-istess att ġie kommess.

Illi *in kwantu* għat-tieni parti ta' l-artikolu 7(1) dan ukoll mhux applikabbli, peress illi fil-każ odjern il-piena massima ta' għomor il-ħabs li minnha qed jilmenta r-

rikorrent kienet diġà *in vigore* sa mill-1996, mentri r-reat li tiegħu nstab ħati r-rikorrent sar fl-1997. Dan ifisser [li] r-rikorrent fl-ebda stadju ma ġie espost għal piena aktar severa mill-ogħla piena li setgħet tiġi imposta għal dak ir-reat fiż-żmien li ġie magħmul.

Sabet ukoll illi ma kienx hemm ksur ta' l-art. 14 tal-Konvenzjoni għal dawn ir-raġunijiet:

… … … ikun hemm deskriminazzjoni meta l-każijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jiġu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bażi oġġettiva u raġonevoli għal tali trattament differenti.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, il-qorti tqis li, fil-waqt li l-provvedimenti ta' l-artikolu 22(2) mhumiex diskriminatorji, ma jistax jiġi eskluż *a priori* li l-istess artikolu jista' jiġi użat b'mod diskriminatorju. Fi kliem ieħor, l-artikolu 22(2) jimplika li l-għażla jekk persuna titressaqx quddiem l-onorabbli Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għandha tkun motivata skond iċ-ċirkustanzi varji tal-każ, b'mod li ċirkustanzi differenti jimmeritaw trattament differenti. … … … Dan ifisser li *ceteris paribus*, meta ċ-ċirkustanzi ta' l-akkużati jkunu simili, dawn m'għandhomx jiġu trattati differenti, u jekk ikun jirriżulta li l-Avukat Ġenerali aġixxa b'mod diskriminatorju, fis-sens li ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq kriterju jew ċirkustanzi irrilevanti għall-fini ta' dik id-determinazzjoni, l-aġir tiegħu jista' jiġi ċensurat. Jibqa' il-fatt, *però*, li mhux l-artikolu tal-liġi nnifsu li hu diskriminatarju, iżda l-applikazzjoni tiegħu fil-każ partikolari li, fiċ-ċirkustanzi, jista' jitqies diskriminarorju.

… … …

Fiċ-ċirkustanzi, għalhekk, ir-rikorrent irid juri li, fil-każ partikolari tiegħu, l-Avukat Ġenerali uża d-diskrezzjoni tiegħu b'mod irraġonevoli jew diskriminatorju, fis-sens li ħaddieħor <u>fl-istess ċirkostanzi</u> ġie jew kien ġie trattat differenti. Fil-fehma tal-qorti, ir-rikorrenti ma weriex li hu ġie trattat b'mod agħar minn persuna oħra fl-istess sitwazzjoni bħalu. Għalkemm ir-rikorrent jirreferi għall-każ ta' ċertu Philip Magri, ma ġiex muri li s-sitwazzjoni ta' dan tal-aħħar, u ċ-ċirkustanzi rilevanti, huma simili għal dawk tar-rikorrent; anzi, l-indikazzjoni li ġiet mogħtija lill-qorti, hi li jeżistu ċirkustanzi differenti li jiġġustifikaw trattament differenti.

Fuq kollox, ir-rikorrent mhux qed jitlob dikjarazzjoni li hu ġie trattat b'mod diskriminatorju, iżda li l-liġi stess hija diskriminatorju; kif intwera, il-Qorti ma tarax li l-liġi, fil-provvedimenti tagħha, hija diskriminatorja, għax *"fiha nfisha tipprovdi li d-diskrezzjoni trid dejjem tiġi eżerċitata skond il-liġi u l-prinċipji li jirregolaw il-materja".*

L-appellant appella minn din is-sentenza b'rikors tas-6 ta' Lulju 2005. L-aggravji tiegħu huma mfissra hekk fir-rikors ta' l-appell:

1. Ma hemmx dubbju li l-Avukat Ġenerali għandu dritt insindakabbli li l-fatti jagħtihom konfigurazzjoni ġuridika aktar gravi minn dawk li jirrisultaw *ictu oculi*. Hekk ferita gravi jew ħafifa jista' jgħolliha għal tentativ ta' omiċidju. Fuq dan ma hemmx kwestjoni.
2. F'każ normali, il-qorti li tiġġudika jkollha jdejha mhux marbutin la fuq il-ħtija jew il-kwalifika ġuridika tal-fatti u l-anqas fuq il-piena. Il-parametri għall-fatt antiġuridiku tagħmilhom il-liġi ugwalment għal kulħadd.
3. F'każ tad-drogi, idejn il-Qorti Kriminali jkunu marbutin. Il-minimu tal-piena tagħha huwa ferm ogħla minn dak tal-Qorti tal-Maġistrati. U ma hemm xejn fil-liġi li fuqu tista' tiġi msejsa tali distinzjoni.
4. il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tagħna jiggarantixxu li l-gudizzju jsir quddiem qorti imparzjali u indipendenti. Imma fil-fatt, l-Avukat Ġenerali jagħmel *a pre-trial* li hu inappellabbli, insindikabbli, u vinkolanti fuq il-qrati u l-akkużat. Inutli li wieħed jissoponi li l-Avukat Ġenerali jkun raġonevoli, tal-kuxjenza, qaddis jimxi fl-art. Hawn *si tratta* tal-garanzija li l-proċess igħaddi kollu kemm hu għall-iskrutinju tal-qrati.

Inutli li wieħed jargumenta, kif għamlet l-ewwel qorti, li l-ġudizzju se jiġi quddiem il-qrati. Il-proċess huwa intiż għall-akkużat. U huwa l-akkużat li għandu dritt li l-proċess kollu jsirlu quddiem qorti imparzjali u indipendenti. Fil-fatt, dak li jasal quddiem il-Qorti Kriminali, bħal f'dan il-każ, huwa parti mill-proċess. L-ewwel parti ssir u d-deċiżjoni tittieħed mill-Avukat Ġenerali. Dik il-parti ma taqax taħt l-ebda skrutinju ta' qorti. Din mhix diskrezzjoni, imma hija deċiżjoni b'effetti ta' natura penali li la ssir quddiem tribunal, la ssir fil-pubbliku, la hemm garantiti d-dritt tad-difiża, u l-anqas hemm l-*audi alteram partem*. Fuq kollox teħodha parti fit-proċess li tkun se tidher kontra l-akkużat.

Hawn issir riferenza għall-kaz **Brincat v Italy** tal-Qorti Ewropea, li għalkemm il-punt kien fuq l-artiklu 5 imma ma ħalliex deċiżjoni anke dwar l-arrest li tkun f'id il-prosekutur. Aħseb u ara kemm hu legali li l-piena tkun f'idejn il-prosekutur.
5. L-artiklu attakkat b'din l-istanza ma kienx ikun kontra l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jekk għall-inqas il-minimu tal-piena kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kemm quddiem il-Qorti Kriminali kien ikun l-istess. Umbagħad li quddiem Qorti Kriminali l-massimu jkun akbar, imma mhux il-piena għall-għomor, ma jkun hemm l-ebda leżjoni ta' drittijiet, għaliex idejn il-qorti huma maħlulin. Tista' għal kaz li jkun ġie quddiemha tagħti l-istess piena għar-reat daqs li kieku kien ġie quddiem Qorti tal-Magistrati, jew tista' tagħti piena akbar, imma dan ikun jiddependi fuq il-valutazzjoni tal-qorti u mhux fuq il-pre-ġudizzju (*cioè* ġudizzju minn qabel ta' parti fil-kawża kif inku l-Avukat Ġenerali). Fil-każ ta' pussess aggravat per ezempju l-anqas jista' jkun hemm il-benefiċċju ta' sentenza sospiża jew l-artiklu 21, minkejja li l-qorti tħoss li għandha tinżel (*vide* art. 22(9) tal-Kap. 101), u għalhekk is-sentenza ta' din l-onorabbli qorti fil-każ Grech ċitat fis-sentenza hija żbaljata
6. L-anqas il-massimu ma jista' jkun għall-għomor. Fil-fatt din hija piena "*fixed by law*". Fuq ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati jista' jkun hemm massimu ta' għaxar snin. Fuq ammissjoni quddiem il-Qorti Kriminali l-piena fissata mil-liġi hija dik tal-għomor. Din il-qabża hija magħmula tiddependi fuq deċiżjoni ta' l-avversarju ta' l-akkużat. Jekk il-qrati ottemperaw il-piena fil-każi partikolari, u forsi marru *oltre* l-*proviso* fejn jagħtihom tali diskrezzjoni, idejhom huma sostanzjalment marbutin ukoll meta jridu jikkwantifikaw bejn il-minimu statutorju u inflessibbli u l-massimu li huwa wkoll statutorjament iffissat.
7. Dan iġib, barra vjolazzjoni ta' l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, anke vjolazzjoni ta' l-artiklu 7. Il-piena mhix dik stabbilita mil-liġi. Dawn huma reati li għandhom zewg pieni, u l-għazla l-anqas hija f'idejn il-qrati. Kollox huwa "*as the Attorney General may direct*". L-artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea kellu ftit każi fejn ġie interpretat. Joħorġu l-prinċipji li ma jistax ikun hemm effett retroattiv

penali ta' ligijiet (dan hu ċar) u l-anqas li jkun hemm interpretazzjoni estensiva tal-liġi penali. Fondamentalment dan l-artiklu jrid iċ-ċertezza tal-ligi penali u l-pieni.
Ir-reati għandhom fl-ewwel lok ikollhom ċari l-elementi kostitutivi tagħhom. Dak jistabilixxi x'inhu r-reat. Stabbilit ir-reat, trid tkun ċerta s-sanzjoni.
Fil-każ tagħna, u kif inhi miktuba l-liġi Maltija, għandna l-istess reat identiku, f'żewġ pieni. Hemm xi ċertezza? Hemm iċ-ċertezza ta' l-elementi kostitutivi tar-reat (għal darba tnejn) imma ma hemmx ċertezza tal-piena, għaliex kollox jiddependi fuq l-għazla (ġustifikata jew le) ta' persuna li mhix qorti.
8. Dwar l-aspett ta' diskriminazzjoni. L-ewwel onorabbli qorti qalet li l-aġir ta' l-Avukat Ġenerali jista' jkun sindakabbli jekk bejn żewġ persuni li jkunu fl-istess sitwazzjoni, wieħed ikun trattat mod u l-ieħor trattat mod ieħor. L-esponenti sostna meta għamel ir-rikors li l-liġi li hu qed jattakka potenzjalment tagħti lok għal tali diskriminazzjoni, u skond il-liġi tagħna ma hemmx bżonn li wieħed jipprova li sofra diskriminazzjoni. Fuq l-argumenti ta' l-ewwel onorabbli qorti, jekk kien hemm eżempju kif dan l-artiklu tal-liġi li qed jiġi attakkat jaħdem, kien biżżejjed li wieħed jara t-trattament differenti li ħa Philip Magri u l-istess Godfrey Ellul fil-proċess li ntemm fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu 2005 fejn dik l-onorabbli qorti qalet testwalment "Dwar id-diverġenza bejn il-piena li ngħatat lil Magri u dik li ngħatat lill-appellant, diverġenza li xorta se tibqa', ftit hemm xi tgħid. Il-Qorti tal-Maġistrati meta kienet qed tittratta l-każ ta' Magri, fid-diskrezzjoni tagħha, dehrilha li l-piena ġusta fil-konfront ta' Magri kienet dik li fil-fatt infliġġiet u l-parametri tal-piena applikabbli mill-Qorti tal-Maġistrati huma ħafna inqas minn dawk quddiem il-Qorti Kriminali" (sottolinear mhux tal-qorti). F'dak il-każ tnejn instabu ħatja ta' l-istess reati, bl-istess kwantità fl-istess ċirkostanzi u wieħed ħa plena ta' nofs il-*minimum* li beda bih l-esponenti.
Għalhekk il-ġustizzja trid iċ-ċertezza u mhux tkun f'idejn l-avversarju ta' l-akkużat.
L-Avukat Ġenerali wieġeb fil-15 ta' Lulju 2005.
Il-parti ta' l-art. 22 tal-Kap. 101 li dwarha saret din il-kawża tgħid hekk:

**22.** (2) Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond kif jordna l-Avukat Ġenerali, u jekk tinsab ħatja teħel, għal kull reat -

u mbagħad tgħid kemm tkun il-piena jekk il-persuna akkużata tinsab ħatja mill-Qorti Kriminali u kemm tkun il-piena jekk tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-piena, kemm fil-*minimum* kif ukoll fil-*maximum*, hija ogħla fl-ewwel każ, u tista' tkun sa priġunerija għal għomor.

L-aggravju ta' l-appellant, essenzjalment, hu illi, meta tħalli f'idejn l-Avukat Ġenerali l-għażla jekk imexxix quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-liġi tkun qiegħda tħalli f'idejh ukoll l-għażla tal-piena. Dan, igħid l-appellant, joħloq inċertezza bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u jista' jwassal ukoll għal diskriminazzjoni, għax jekk ikun hemm tnejn mixlija bl-istess reat, iżda wieħed jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali u l-ieħor quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, jista' jiġri illi ta' l-ewwel jingħata piena mhux biss ogħla sew minn dik li tingħata lill-ieħor iżda wkoll ta' kwalità differenti għax jista' jingħata piena ta' għomru l-ħabs. Dan, igħid ir-rikorrent, jiksirlu l-jeddijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-artt. 6, 7(1) u 14 tal-Konvenzjoni.

Ngħaddu issa biex inqisu dawn l-aggravji ta' l-appellant fid-dawl ta' l-artikoli tal-Konvenzjoni li fuqhom qiegħed jistrieħ.

L-art. 6 tal-Konvenzjoni jgħid hekk:

ARTIKOLU 6

(1) Fid-deċi¿joni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akku¿a kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi ¿mien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament i¿da l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi esklu¿ mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigoro¿ament meħtieġ fil-fehma tal-qorti

f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

(2) Kull min ikun akku¿at b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi.

(3) Kull min ikun akku¿at b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:

(*a*) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni ta' l-akku¿a kontra tiegħu;

(*b*) li jkollu ¿mien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difi¿a tiegħu;

(*ċ*) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħ¿ula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bi¿¿ejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

(*d*) li je¿amina jew li jara li jiġu e¿aminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-e¿ami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

(*e*) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa u¿ata fil-qorti.

Kif sewwa qalet l-ewwel qorti, dan l-artikolu jirregola l-mod kif jitmexxa l-proċess quddiem il-qorti, u mhux il-mod kif jinġieb quddiem il-qorti. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, min ikun mixli b'akkuża kriminali jkollu l-garanziji kollha li jrid dan l-artikolu, u ma nġiebet ebda prova illi l-appellant kien imċaħħad minn xi waħda jew aktar minn dawn il-garanziji. Imkien f'dan l-artikolu ma tingħata garanzija illi l-prosekutur ma għandux ikollu diskrezzjoni bħal dik mogħtija lill-Avukat Ġenerali fl-art. 22(2) tal-Kap. 101.

Din il-qorti, għalhekk, bħall-ewwel qorti ma ssibx li kien hemm ksur ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

L-art. 7 tal-Konvenzjoni jgħid hekk:

ARTIKOLU 7

(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fi¿-¿mien meta r-reat kriminali jkun sar.

L-appellant jippretendi illi dan l-artikolu joħloq prinċipju ġenerali ta' "ċertezza" li jiġi nieqes fil-każ ta' proċeduri taħt il-Kap. 101 għax ma jkunx magħruf minn qabel x'sejra tkun id-deċiżjoni ta' l-Avukat Ġenerali.

Tassew illi l-art. 7 tal-Konvenzjoni joħloq prinċipju ta' ċertezza iżda l-prinċipju huwa wieħed speċifiku u definit: ċertezza dwar l-elementi tar-reat u dwar il-piena, u mhux prinċipju ġenerali kif qiegħed jippretendi l-appellant.

52. The Court points out that Article 7 para. 1 (art. 7-1) of the Convention is not confined to prohibiting the retrospective application of the criminal law to an accused's disadvantage. It also embodies, more generally, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (*nullum crimen, nulla poena sine lege*) and the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused's detriment, for instance by analogy; it follows from this that an offence must be clearly defined in law. This condition is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him liable.[1]

Iċ-ċertezza trid tkun fid-dispożizzjonijiet tal-liġi li jiddefinixxu l-elementi tar-reat u li jistabilixxu l-piena; din iċ-ċertezza ma tiġix nieqsa jekk il-liġi tistabilixxi *minimum* u *maximum* ta' piena, sakemm dawn ikunu magħrufa u stabiliti b'liġi li tkun fis-seħħ meta jkun sar ir-reat.

Iċ-ċertezza li jrid dan l-artikolu kienet imħarsa fil-każ ta' l-apellant. Id-definizzjoni ta' l-elementi tar-reat kienet fis-seħħ b'liġi fiż-żmien relevanti għall-akkuża magħmula kontrieh u wkoll met asar il-proċess, u l-ogħla piena li setgħet tingħata kienet applikabbli b'liġi kemm fiż-żmien relevanti għall-akkuża kif ukoll fiż-żmien meta sar il-proċess.

Din il-qorti, għalhekk, bħall-ewwel qorti, ma ssib li kien hemm ebda ksur ta' l-art. 7 tal-Konvenzjoni.

L-art. 14 tal-Konvenzjoni jgħid hekk:

ARTIKOLU 14

It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr

[1] **Kokkinakis kontra l-Ġreċja**, Q.E.D.B. 19/04/1993.

diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor.

Interpretazzjoni tajba ta' dan l-artikolu trid illi l-interpretu jżomm quddiem għajnejh żewġ konsiderazzjonijiet.

L-ewwel waħda hija illi dan l-artikolu ma jagħmilx projbizzjoni assoluta kontra kull diskriminazzjoni, iżda jipprojbixxi biss diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni. Għalkemm biex ikun hemm ksur ta' dan l-artikolu ma hux meħtieġ li jkun hemm ksur ta' xi dritt jew libertà mħarsa taħt xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni – għax inkella dan l-artikolu jkun żejjed u ma jżid xejn mal-garanziji li tagħti l-konvenzjoni – madankollu min igħid li saret diskriminazzjoni kontra tiegħu jrid juri li dik id-diskriminazzjoni kienet fit-tgawdija ta' xi dritt jew libertà mħarsa taħt il-Konvenzjoni:

29. Article 14 (art. 14) complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 (art. 14) does not necessarily presuppose a breach of those provisions - and to this extent it has an autonomous meaning -, there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter.[2]

It-tieni prinċipju hu illi, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, dan l-artikolu jħares kontra diskriminazzjoni għal xi waħda jew aktar mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu, u mhux kontra kull differenza fi trattament:

72. The Court reiterates that Article 14 (art. 14) affords protection against discrimination in the enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by the other substantive provisions of the Convention. However, not every difference in treatment will amount to a violation of this Article (art. 14). Instead, it must be established that other persons in an analogous or relevantly similar situation enjoy preferential treatment, and that there is no reasonable or objective justification for this distinction.[3]

---

2 **Rasmussen kontra d-Danimarka**, Q.E.D.B. 28/11/1984.

3 **Stubbings kontra r-Renju Unit**, Q.E.D.P. 22/10/1996.

Fil-każ ta’ l-appellant, billi ma ntwera li hemm ebda dritt imħares taħt il-Konvenzjoni li ma jħallix li tingħata lill-prosekutur diskrezzjoni bħal dik li ngħatat lill-Avukat Ġenerali taħt l-art. 22 tal-Kap. 101, l-ilment ta’ l-appellant ma jaqax fl-ambitu ta’ dan l-artikolu.
Barra minn hekk, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, ma ntweriex illi ċ-ċirkostanzi relevanti tal-persuna l-oħra msemmija mill-appellant, li kienet mixlija bl-istess akkuża bħalu għalkemm mhux quddiem l-istess qorti, kienu l-istess bħal dawk tiegħu.  Il-fatt li kienu t-tnejn mixlija bl-istess akkuża ma jqegħedhomx *ipso facto* f’sitwazzjoni li, fil-fatturi relevanti tagħha, tixxiebah.
Din il-qorti għalhekk, bħall-ewwel qorti, ma ssib li kien hemm ebda ksur ta’ l-art. 14 tal-Konvenzjoni.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u twettaq is-sentenza mogħtija fil-5 ta’ Lulju 2005 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha. Tikkundanna lir-rikorrent iħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------